**Skiet Sibt il-Għid**

Xi skiet hawn madwari
Ebda ħoss ma jinstema,'
X'qed jiġri hawn w lil hinn minnu
Xi ħaġa kbira qed tinħema.

Is-Sultan li raqad
Raqda ta' mewt qalila,
In-nifs tiegħu jinħass sewwa
Donnu qed iċajpar 't-tisliba.

Qlubna qed jifetħu
It-tromba imħejjija,
Tonqos biss int o tgerbiba
Ħalli l-ruħna bil-ferħ timlieha.

O skiet tassew mbierek
l-aqwa maktur tal-faraġ,
Hawn jien dalgħodu nisimgħek
Mexxini int, għinni nitfarraġ.

Ġewwa fik hemm jidher
Il-kbir, l-imsebbaħ Sultan,
Li qiegħed jitmattar f'soddtu
Minn ġol-qalb se joħroġ setgħan.

Ħa nqum w naħsel wiċċi
Inrodd salib u nibda',
l-armar ħieni tal-kappella
Qed tleħħ viċin l-imbierka fidwa.

Ferħ is-sebħ ġo fija
Qed jinħema hekk bil-mod,
Għax naf li l-lejla fit-tmienja
Oħtna l-art b'dawlu kemm se tirtgħod.

Iġri, iġri, tħejja
Patri boċċu mimli ferħ,
Għalik qed jiddi dawl Kristu
Rebbieħ fuq il-mewt, se jagħtik serħ.

Niżik ħajr Mulejja
X'Alla int! X'qawwa fik, għid!,
F'idejk nitlaq ħajti ċkejkna
Ibdilha fi skietek f'Sibt il-Għid.

Patri Mario Attard OFM Cap
Is-Sibt Qaddis tal-Għid

30 ta’ Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.